MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 755/2000/1

**Avviz numru 755/00 DM**

**L-Avukat Dottor Antonio Tufigno**

**Vs**

**Jesmond Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' sitt mija u hamsa u tletin liri Maltin (Lm 635) in linea ta' danni minnu kagunati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara bejn Triq Santa Margerita, Triq il-Qanneb u Triq il-Kuncizzjoni gewwa San Gwann fl-4 ta' Gunju, 1999 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru DBE 582 u baqa' diehel go

l-vettura pparkjata numru KAS 289 proprjeta` ta' l-Avukat Dottor Antonio Tufigno – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Mill-provi prodotti mill-attur, ir-responsabbilita` tal-konvenut tirrizulta ampjament, in fatti jirrizulta illi kien il-konvenut illi kien qieghed fil-pussess tal-vettura bin-numru DBE 582 meta huwa telaq lil din il-vettura tibqa` niezla wahedha fit-triq u ddanneggjat diversi vetturi fosthom dik ta' l-attur. Dan huwa kkonfermat mid-diversi xhieda illi nstemghu f'din il-kawza.

Ghaldaqstant il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u ghad-danni kollha li sofra l-attur sabiex ghamel ir-riparazzjonijiet tal-vettura tieghu. Mill-provi prodotti dwar id-danni jirrizulta ampjament illi dawn jissuperaw is-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin liri Maltin (Lm635) kif indikati fl-avviz.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa` t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qeghda tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement qeghda tikkundannah sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' sitt mija hamsa u tletin liri Maltin (Lm635) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-22 ta' Ottubru ta' l-1999; u

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------